Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 69

Il-Ħamis, 9 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-15.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-15.08pm

**69.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija**

69.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta’ apoloġija

**69.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

69.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal-Tmienja u Sittin Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

69.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**69.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

69.3.1 Is- Sindku nfurma lil Kunsill li ser jinxtraw zewġ dustbins minn Infrastructure malta biex jitpoġġew ġewwa l- Mdina

69.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li s-siġra li kienet ta’ periklu quddiem l-HSBC ġewwa Howard Gardens sar intervent u tneħħa l-periklu.

69.3.3 Is- Sindku infuma lil Kunsill li kien hemm xi dewmien fl-installazzjoni tas- CCTV cameras mir- Regjun Punent minħabba xi ntoppi li nqalgħu u nittamaw li dawn jiġu nstallati mill-aktar fiss possibbli.

**69.4 Offerti għal installazzjoni ta’ CCTV Cameras- Howard Gardens- Approvazzjoni**

69.4.1 SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra rapport ta’ evalwazzjoni għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

69.4.2 Il-Kunsillier Alfred Barbaro Sant talab li jiġi skuzat mill-kamra minħabba kunflitt ta’ interess

69.4.3 L-irħas offerta kienet ta’ G4S Security Services (Malta) Ltd li tammonta għas-somma ta’ €14,020.24

69.4.4 Is- Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsilliera MA. Sultana.

69.4.5 Il-Kunsill qabel unanimament

**69.5 Approvazzjoni tal- Financial Statements 2023**

69.5.1 Is- SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-Financial Statements għas-Sena 2023 wara li dawn ġew awditjati mill-Awdituri tal-Gvern Lokali.

69.5.2 Is- Sindku ppropona li napprovaw din l-offerta li kienet sekondata mill-Kunsillier A. Barbaro Sant.

69.5.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**69.6 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

69.6.1 Regjun Punent- Offerta ta' internet sim mill-kuntrattur tas- CCTV's li ser jiġu nstallati mir-Reġjun. Il-Kunsill approva.

69.6.2 Arċikonfraternita' San Guzepp- Talba għal uzu ta' Casino Notabile waqt attivita'. Il-Kunsill approva..

69.6.3 Għassa Pulizija Rabat- Talba biex tiġi rranġata ir-rampa li tagħti għal-għassa. Il-Kunsill approva.

69.6.4 Pellegrinaġġ Muturi u Roti- Talba biex it-tluq ta' din l-attivita' ssir minn ġewwa l-parking area ta' ħdejn il-bandli. Il-Kunsill approva b'ċertu kindizzjonijiet.

69.6.5 Gokker Ltd.- Kwotazzjoni biex jiġu nstallati mollol għal mal-gates tal-bandli. Il-Kunsill ma approvax li ssir din l-istallazjoni minħabba l-ispejjez involuti.

69.6.6 Regjun Punent- Cleanup Day 2025. Talba biex niehu sehem bħala Kunsill fil-kampanja cleanup day. Il-Kunsill approva u għadda rizoluzzjoni fuq dan ir-rigward

69.6.6 MAFA- Skema għal-xiri ta' suġar taz-zebbuġ u għaring.- Il-Kunsill mhux ser jiġpparteċipa f'din l-iskema peress li bħala skema mhix vijabbli finanzjarjament.

**69.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

69.7.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 9 ta' Mejju 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 21,122.53

69.7.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**69.8 Tmiem tal- Laqgħa**

69.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 16.05pm u ġiet aġġornata għas-4 ta' Ġunju 2024 fit-3pm

| FFIRMATI | FFIRMATI |
| --- | --- |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___4 ta' Ġunju 2024__